Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,319, 25 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 236 tal-2024

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 220.03.

Emenda tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subparagrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (B) tas-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti b'dawn is-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(i) Tenent (Uffiċjal Mediku)

Kaptan (Uffiċjal Mediku)

Maġġur (Uffiċjal Mediku)

Tenent Kurunell (Uffiċjal Mediku)

Kurunell (Uffiċjal Mediku);

(ii) Tenent (Uffiċjal Legali)

Kaptan (Uffiċjal Legali)

Maġġur (Uffiċjal Legali)

Tenent Kurunell (Uffiċjal Legali)

Kurunell (Uffiċjal Legali)".